# 36. Il-Ġenna tar-Rebbiegħa

Kif ir-Rebbiegħa timla s-siġar kollha
bil-weraq ġdid li taħt ix-xemx jitriegħed,
u tagħti l-aħħar pinzellati sofor
fl-ikħal tal-iris,

U torqom bl-aħħar rakkmu ċ-ċinerarji,
u ġewwa t-tulipani tixgħel fjamma,
u fuq il-ġiżi bojod, roża, u vjola
traxxax il-fwieħa,

Minn ġewwa s-saltna tas-smewwiet issejjaħ
qtajjiet qtajjiet ta' anġli taħt is-sura
ta' friefet bajdanin bl-iswed imtektka,
bid-deheb imgħabbra,

Li jtiru qalb il-fjur, u ta' għasafar
li jgħannu mal-egħjun u jagħmlu s-siġar
bħal kori ħadranin u jibdlu l-ġnejna
f'ġenna tal-art.

Biex tkun taf sew il-ħlewwa ta' dil-ġenna
f'Awwissu, f'Santa Liena, iftaħ il-qolla
tan-naħal taħt il-ħajt u ġib ix-xehda,
tiegħem u soff.